# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 302/11/1 FDP**

**Nathalie Bartolo**

**v.**

**Id-Dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando,**
**Id-Dentist Dr. Alexander Azzopardi,**
**Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

1. L-attriċi ppreżentat dawn il-proċeduri sabiex jiġu likwidati d-danni allegatament sofferti minnha, kaġun ta' interventi mediċi li saru fuqha mill-konvenuti Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi, li skont l-attriċi kkawżawlha debilità permanenti għaliex saru b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli għad-danni, inklużi korriment, debilità u inkapaċita permanenti li soffriet l-esponenti in segwitu għall-interventi mediċi u ta' dentistrija eżegwiti fuqha mill-intimati jew min minnhom kif fuq premess;
>
> 2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-esponenti kif premess, inkluż damnum emergens u lucrum cessans;
>
> 3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.
>
> Bir-riserva għal kull azzjoni fil-liġi; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 2011 u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, inġunti għas-subizzjoni."

3. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Alexander Azzopardi eċċepew, *inter alia,* li l-azzjoni kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern hija karenti minn fondament ġuridiku u li l-allegazzjonijiet li saru kontra Dr. Alexander Azzopardi huma infondati stante li kwalsiasi kura u trattament mediku li saru minnu fuq l-attriċi kienu "*secundum artem.*"

4. Dottor Jeffrey Pullicino Orlando eċċepixxa, *inter alia,* li mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe danni li l-attriċi tallega li sofriet, li anke jekk jirriżulta li l-attriċi sofriet xi danni u debilità ta' natura permanenti dawn mhumiex attribwibbli għal xi att jew ommissjoni tiegħu, li huwa eżerċita kull każ u kura lill-attriċi bl-aħjar mod possibbli għaċ-ċirkostanzi li l-attriċi preżentat lilu u li konsegwentement mhuwiex responsabbli għal ebda danni li minnhom tilmenta l-attriċi.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

"Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha;

Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Wara li rat is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tilqa' l-eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern stante li ma twettaq ebda intervent minnu fuq ir-rikorrenti.

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' Dr. Alex Azzopardi, stante li m'hemm l-ebda responsabbilta` da parti tiegħu.

Tiċħad l-eċċezzjonijiet fir-risposta tal-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando.

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

Tilqa' l-ewwel talba billi, fil-konfront ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando,

Tiddikjara l-istess l-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando unikament responsabbli għad-danni u uġigħ sofferti mir-rikorrenti, in segwitu għall-intervent ta' dentistrija minnu magħmula.

Tilqa' t-tieni talba u Tillikwida d-danni kkawżati minn Dr Jeffrey Pullicino Orlando fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96).

Tilqa' t-tielet talba u Tikkundanna lill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħmistax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96).

L-ispejjeż għall-proċedura odjerna għandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando."

6. Il-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-24 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tvarja u/jew tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata billi tikkonferma s-sentenza sa fejn tillibera lill-konvenut Tabib Principali tal-

Gvern mill-osservanza tal-ġudizzju u tipprovdi fid-deċide dwar il-konvenut Direttur Ġenerali tas-Saħħa, u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

7. Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, l-Uffiċjal Mediku Ewlieni (ġja Tabib Prinċipali tal-Gvern) u Dr. Alexander Azzopardi ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom għall-appell ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando fl-24 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottomettew li l-appell tad-Dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.

8. L-attriċi ppreżentat ir-risposta tagħha għall-appell ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando flimkien ma' appell inċidentali fil-11 ta' April 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tiċħad l-appell ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, tħassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet imressqa minn Dr. Alexander Azzopardi u ġie dikjarat li m'hemm l-ebda responsabbilità da parti tiegħu u minflok tilqa' t-talbiet attriċi wkoll fil-konfront ta' Dr. Alexander Azzopardi, u tirriforma wkoll dik il-parti tas-sentenza relatata mal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti, billi l-ammont ta' danni jiġi awmentat kif spjegat fl-aggravju relattiv, bl-ispejjeż kontra Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi, u fir-rigward ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando l-ispejjeż għandhom ikunu doppji.

9. Dr. Jeffrey Pullicino Orlando ppreżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-attriċi fid-19 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell inċidentali tal-attriċi għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

10. Dr. Alexander Azzopardi ppreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-27 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell inċidentali tal-attriċi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Ikkonsidrat:**

**I. L-Appell Prinċipali tal-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando**

**L-Ewwel Aggravju**

11. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tipprovdi dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur Ġenerali tas-Saħħa fid-deċide. L-appellant jargumenta li nonostante li l-Ewwel Qorti kienet ċara fil-motivazzjonijiet tagħha li d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa kellu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju jirriżulta li fis-sentenza tagħha ma provdietx deċiżjoni effettiva dwar l-istess konvenut fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Jgħid għalhekk li jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din il-Qorti dwar jekk dan in-nuqqas iġibx miegħu n-nullità tas-sentenza kollha jew

jekk għandux ikun hemm biss varjazzjoni tas-sentenza appellata biex ikun hemm deċiżjoni effettiva fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa.

12. Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u d-Dentist Dr. Alexander Azzopardi jwieġbu li l-Ewwel Qorti kienet ċara fil-paragrafu 89 u 90 tas-sentenza appellata li ma nġabet l-ebda prova fil-konfront tiegħu u ddikjarat espressament li kienet qed tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu. Jargumenta li dan huwa każ ċar ta' *lapsus calami* u dan assolutament ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza appellata peress li dan il-*lapsus calami* jista' jiġi ndirizzat u ssanat minn din il-Qorti.

13. L-attriċi twieġeb li fl-ewwel lok id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa ma intavola l-ebda risposta ġuramentata għaliex kien biss it-Tabib tal-Gvern li għamel dan u għalhekk m'hemm l-ebda diskrepanza fil-parti sostantiva u l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata peress li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda eċċezzjoni x'tilqa' jew tiċħad da parti tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa li ma ntavolax risposta ġuramentata. Issostni li dan l-aggravju huwa fieragħ u vessatorju anke peress li jidher li l-appellant stess ma jemminx f'dan l-aggravju tiegħu kkonsidrat li lanqas biss talab li l-atti jiġu rimessi lura lill-Ewwel Qorti minkejja li argumenta li s-sentenza appellata hija nulla.

14. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “88. Ir-rikorrenti ipproċediet ukoll kontra d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, għaliex xi parti mit-testijiet u interventi ordnati minn Dr. Alex Azzopardi saru fl-isptar Mater Dei kif jidher mill-istess atti eżebiti tar-riżultati mediċi fil-konfront tar-rikorrenti.
>
> 89. Kif diġa ġie stabbilit ma ġiet ippruvata ebda ħtija jew negliġenza da parti ta’ Dr. Alex Azzopardi. Jiġi osservat ukoll, li ma nġabet ebda prova fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern.
>
> 90. Għalhekk, tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-intimati Direttur Ġenerali tas-Saħħa u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern f’dan ir-rigward.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

15. Wara li rat l-atti tal-kawża l-Qorti tirrileva li l-attriċi għandha raġun meta tgħid li d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa qatt ma ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti kollha ġew notifikati, inkluż id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, kienu biss it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u d-dentisti Dr. Alexander Azzopardi u Dr. Jeffrey Pullicino Orlando li ppreżentaw risposta ġuramentata. Il-Qorti tosserva fil-fatt li għalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa jsostnu jew almenu jagħtu x’jifhmu li l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mit-Tabib Ġenerali tal-Gvern tkopri kemm lilu u kemm id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, jirriżulta ċar minn qari ta’ din l-eċċezzjoni li dan mhuwiex il-każ peress li d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa ma jissemma mkien, la f’din l-eċċezzjoni preliminari u lanqas b’xi mod ieħor f’din ir-risposta ġuramentata.

16. L-attriċi m'għandhiex raġun però li dan ifisser li ma kienx hemm x'jiġi deċiż fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa mill-Ewwel Qorti. Ladarba l-istess Direttur ma ressaqx ir-risposta ġuramentata tiegħu minkejja li kien debitament notifikat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi, huwa kien kontumaċi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Fid-dritt Malti l-kontumaċja xorta waħda tirrappreżenta kontestazzjoni tal-pretensjonijiet attriċi u għalhekk jibqa' meħtieġ li t-talbiet attriċi jiġu miċħuda jew milqugħa fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa. L-Ewwel Qorti sabet li ma ġiet prodotta l-ebda prova fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa. Għalhekk l-Ewwel Qorti strettament kellha tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess Direttur, ħaġa li fil-fatt għamlet indirettament billi fid-deċide t-talbiet attriċi ġew espressament milqugħa fil-konfront ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando biss.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan assolutament ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza appellata. Dan partikolarment ikkonsidrat li m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn il-konsiderazzjonijiet u d-deċide għaliex kif ingħad it-talbiet attriċi ġew milqugħa espressament fil-konfront ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando biss.

**It-Tieni Aggravju**

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut Dr. Pullicino Orlando jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex skartat il-konklużjonijiet tal-esperti

tagħha iżda messha tathom piż probatorju u addottathom u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-Professur John Portelli kien inkarigat biex jagħmel eżami fiżiku tal-attriċi. Isostni li fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Mejju 2011 l-Ewwel Qorti kienet irriżervat li tinnomina esperti oħra speċjalment ta' natura medika u dentistrija, u sussegwentement fis-26 ta' Ottubru 2011 appuntat lill-Professur John Portelli li huwa dentist u *oral surgeon.* Jgħid li wara dawn is-seduti l-Ewwel Qorti ma eżerċitatx ir-riserva li taħtar esperti mediċi oħra u lanqas m'għamlet talba f'dan is-sens l-attriċi, u jżid li kif irritjena l-Espert Tekniku l-Professur John Portelli, il-problema tal-attriċi ma kinitx waħda ta' dentistrija għaliex kienet kwistjoni ta' uġigħ li l-oriġini tiegħu ma setax jiġi determinat. Jargumenta li fil-verbal tas-26 ta' Ottubru 2011 m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-Professur John Portelli ngħata l-fakultà li jagħmel eżami fiżiku tal-attriċi, jew imqar li ngħata "il-fakultajiet soliti." Isostni li l-Professur John Portelli ma ġiex appuntat biex jagħmel eżami mediku tal-attriċi iżda biss biex jassisti lill-Perit Legali f'dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-aspett tekniku tal-kawża. Iżid li l-attriċi stess qatt ma talbet sabiex tiġi eżaminata fiżikament għall-iskop tal-provi tagħha stess u għall-prova tad-debilità permanenti, u dan huwa punt importanti meta wieħed jiftakar li l-attriċi effettivament ikkontestat il-konklużjonijiet peritali. Jgħid ukoll li lanqas l-Ewwel Qorti ma ssenjalat li l-eżami fiżiku ma sarx waqt l-andament tal-kawża, minkejja li setgħet tordna f'kull stadju tal-kawża li jsir eżami mediku mill-Perit Tekniku jew esperti oħra maħtura għall-iskop, u li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tippretendi li l-Perit Tekniku

jagħmel eżami mediku tal-attriċi meta hija ma tatx il-fakulta li jagħmel dan. Jargumenta li waqt il-ġbir tal-provi ħareġ ovvju li l-kwistjoni ma baqgħetx waħda ta' dentistrija iżda waħda ta' ġestjoni ta' uġigħ kroniku li l-oriġini tiegħu ma kienx magħruf, fatt li jirriżulta kemm mill-eskussjoni tal-Professur John Portelli u kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha, iżda ma saret l-ebda talba għall-ħatra ta' espert mediku ieħor biex ikun jista' jgħarbel il-provi fuq dan il-punt. Jargumenta li bid-deċiżjoni li tiskarta r-rapport peritali l-Ewwel Qorti ġabet ruħha f'pożizzjoni mhux idoneja li tiddetermina hi waħedha kwistjoni effettivament medika u teknika li teżorbita l-kompetenza tagħha. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex skartat il-fatt li l-Perit Tekniku kkonkluda li l-intervent li għamel hu, anke jekk ma sarx tajjeb, ma jikkawżax debilità permanenti jew uġigħ kroniku, u li l-infezzjoni li kellha l-attriċi wara t-trattament li għamlilha hu fieqet wara li intervjena l-konvenut Dr. Alexander Azzopardi, partikolarment meta ma jistax jingħad li l-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku kienu inġusti jew manifestament skorretti.

19. L-attriċi twieġeb li skont il-liġi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ma toqgħodx fuq ir-rapport tal-Periti Esperti maħtura minnha għaliex id-diskrezzjoni aħħarija tibqa' tal-Qorti speċjalment meta tinnota li kien hemm żbalji kbar li jitfgħu l-miżien fuq in-naħa l-oħra u meta tinnota li r-risposti li ngħataw mill-istess Periti jikkonfermaw it-teżi tagħha. Targumenta li l-Ewwel Qorti ma kienet xejn konvinta mir-rapport tal-Perit Tekniku għaliex irriżulta li kien naqas milli jagħmel l-aktar ħaġa kruċjali, u

ċjoè li jaraha u jeżaminaha sabiex verament jifhem minn xiex kienet u għadha qed tilmenta. Tgħid li minflok l-espert qagħad biss fuq ir-rapporti u d-dokumentazzjoni esebita u fassal opinjoni bbażata fuq l-istess meta dan mhuwiex biżżejjed u kien għalhekk li l-Ewwel Qorti skartat ir-rapport tiegħu. Issostni li għall-kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellant, l-Ewwel Qorti kellha d-dover li tiskarta dan ir-rapport għaliex dan poġġa fid-dubju l-aspett tekniku tal-mertu tal-kawża u rrenda l-eżerċizzju kollu monk meta lanqas biss eżaminaha. Targumenta li l-Perit Tekniku ma kellux għalfejn jingħata ordni espliċitu biex jeżaminaha għaliex huwa ovvju li tali eżami jrid isir biex l-espert verament jagħmel xogħlu sew u żgur li espert imqabbad mill-Qorti għandu jkollu biżżejjed għarfien u esperjenza biex ma jkollux bżonn tidderiġih il-Qorti dwar il-bżonn li jsir eżami fiżiku. Iżżid li fi kwalunkwe każ ma kien hemm xejn li jwaqqaf lill-espert milli jagħmel talba lill-Qorti biex jeżamina lill-attriċi jekk ħass li bin-nomina ma kienx kopert biżżejjed biex jeżaminaha. Tikkontesta li hi kellha obbligu li titlob il-ħatra ta' periti perizjuri, u tgħid li hija kkontestat il-konklużjonijiet peritali b'kull mezz li tagħtiha l-liġi nkluż permezz ta' domandi in eskussjoni u s-sottomissjoni ta' rapport *ex parte* minn dentist espert magħruf internazzjonalment. Targumenta li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti assumiet ir-rwol ta' espert mediku hija stess għaliex l-Ewwel Qorti kellha quddiemha rapport minn dentist u esperti fid-dentistrija oħra kif ukoll fl-uġigħ kroniku u għalhekk ċertament kellha l-evidenza u l-provi neċessarji biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "48. Jirriżulta li fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat lill-Ispeċjalista fid-dentistrija Professur John Portelli sabiex jassistiha fil-konsiderazzjonijiet tekniċi dwar l-uġigħ tar-rikorrenti w il-varji interventi illi sarulha.
>
> 49. Il-Professur John Portelli, fil-fatt, hekk għamel, ħejja rapport b'evalwazzjoni tax-xhieda kollha li ngħatat mill-mediċi f'dan il-każ, u ċjoè' kritika ta' terzi persuni li xehdu f'dan il-każ, u spjega wkoll ċerta kliem tekniku mediku li ntuża fil-provi tal-atti tal-każ. Huwa ikkonstata l-opinjonijiet tiegħu dwar dak li ngħad fix-xhieda.
>
> 50. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservaż illi f'ebda mument ma semma' jew irrelata dwar eżami mediku u/jew kliniku illi huwa seta' għamel fuq ir-rikorrenti, eżami li solitament dejjem isir f'kawża fejn qed jintalbu danni konsegwenza ta' allegata debilità` permanenti.
>
> […]
>
> 52. Il-Qorti tirrileva illi, għalkemm il-Perit Espert Mediku seta' għamel varji konsiderazzjonijiet tekniċi, jidher ċar illi huwa naqas milli jagħmel l-aktar verifika essenzjali fl-operat tiegħu, ossija dik illi jeżamina l-persuna li qed tallega d-debilità' permanenti, ossija ir-rikorrent. Jirriżulta, di fatti, illi l-Perit Mediku straħ fuq il-varji rapporti illi sarulu, mingħajr ma qatt ivverifika l-kostatazzjonijiet tiegħu fuq il-persuna li qiegħda tilmenta minn xogħol ħażin, ossija r-rikorrenti. Tali nuqqas huwa wieħed illi, ta' bilfors, iwassal lil Qorti sabiex tagħti anqas piż lill-konklużjonijiet minnu raġġunti u tikkunsidra ulterjorment il-fatti u konstatazzjonijiet li joħorġu mill-provi prodotti.
>
> […]
>
> 54. In vista tal-punt diġa sollevat minn din il-Qorti, ma sarx eżami mediku u/jew kliniku fuq ir-rikorrenti, u kif ritenut ripetuttivament fil-ġurisprudenza nostrana, f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn qed tiġi pretiża debilità` permanenti, il-Qorti ġeneralment, tistrieħ fuq l-eżami mediku kondott mill-espert mediku u fuq dak ikkonstatat dwar debilità` permanenti.
>
> 55. Madankollu f'dan il-każ, dan l-eżami mediku ma sarx, għalhekk fin-nuqqas ta' dan, din il-Qorti ssib li hemm raġuni ċara u gravi sabiex il-Qorti ma tistrieħx fuq ir-rapport ta' l-espert mediku nominat. Konsegwentement, ladarba, l-perit legali adotta u inkorpora fil-konklużjoni tiegħu ir-rapport tal-espert mediku, din il-Qorti ma tistax tistrieħ lanqas fuq ir-rapport legali ppreżentat fl-atti tal-każ.
>
> 56. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 681 tal-Kap 12 li jipprovdi hekk:

*"Il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

[…]

58. In vista ta' dak espress aktar 'il fuq, in-nuqqas tal-Perit Mediku illi jeżamina lir-rikorrenti ifisser illi tonqos evalwazzjoni essenzjali illi għalih l-Perit Mediku kien appuntat sabiex jirrelata, fin-nuqqas ta' liema evalwazzjoni, il-Qorti tqis illi r-relazzjoni tal-Espert Tekniku ma tista' qatt titqies bħala waħda kompleta w ġusta, peress illi qatt ma saret evalwazzjoni fiżika u attwali tar-rikorrenti."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-appellant huwa żbaljat meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx lill-Perit Tekniku l-Professur John Portelli s-soliti fakultajiet. Mid-digriet tal-appuntament tal-istess Perit, datat 26 ta' Ottubru 2011 (a *fol.* 34) jirriżulta li l-Ewwel Qorti ordnat hekk:

"Billi f'din il-kawza jinhtieg li jitqabbad perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Tinnomina bhala perit ghal dan l-oggett, a spejjez provvizorjament tal-attur, lil Profs John Portelli anke jekk ghandu aktar minn zewg perizji, ghaliex in-numru tal-periti huwa limitat, u **ttih is-setghat kollha li soltu jinghataw lill-periti**, flimkien ma' dik li jisma' x-xhieda u li jaghtihom il-gurament skondi l-ligi." [enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti].

22. Għalhekk huwa ċar li ma kien hemm l-ebda nuqqas tal-Qorti li impedixxa lill-Perit Tekniku milli jagħmel eżami fiżiku fuq il-persuna tal-attriċi sabiex jagħmel kostatazzjoni fattwali tiegħu. Ma jirriżultax li kienet l-attriċi li rrifjutat li tagħti l-kunsens tagħha biex isir eżami fuq il-persuna tagħha, u filfatt lanqas jirriżulta li qatt ġiet mitluba biex tattendi tali eżami. Fil-fehma tal-Qorti ladarba l-Perit Tekniku tqabbad espressament biex

"ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi" u ladarba l-Perit Tekniku ngħata s-soliti setgħat mill-Ewwel Qorti, allura m'hemm l-ebda dubbju li l-Perit Tekniku seta' eżamina lill-attriċi u żgur li ma kienx hemm bżonn li jistenna lill-Ewwel Qorti li tordnalu espressament sabiex jagħmel dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar bħala espert kellu jkun kapaċi hu stess jara li f'kawża ta' din in-natura kien jeħtieġ li jsir eżami fiżiku fuq l-attriċi biex ikun jista' jagħmel kostatazzjoni fattwali huwa nnifsu minn dak li jirriżulta mill-eżami tiegħu. Jekk dan l-eżami ma sarx żgur mhuwiex minħabba xi nuqqas tal-Ewwel Qorti kif jargumenta l-appellant.

23. Il-Qorti tkompli billi tosserva li hija l-liġi stess bis-saħħa tal-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħti lill-Ewwel Qorti l-fakultà li ma taċċettax il-konklużjoni tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u dan irrispettivament mill-fatt li ma saritx ħatra ta' periti perizjuri.[1]

24. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li minħabba li skartat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-Ewwel Qorti poġġiet ruħha f'sitwazzjoni mhux idoneja li tiddetermina waħedha kwistjonijiet tekniċi u mediċi li jeżorbitaw il-kompetenza tagħha. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kellha dubju dwar il-korrettezza tal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku minħabba li l-Perit Tekniku qatt ma wettaq eżami fiżiku fuq l-attriċi, u dan partikolarment fid-dawl tal-

[1] Ara f'dan ir-rigward, *inter alia,* **Constantino Gauci v. Annunziata Scerri et** (Appell, 15/05/1967, **Kollez. Vol: LI.i.263); Giswarda Bugeja et v. Emmanuele Muscat et** (Appell, 23/06/1967); **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe** (Appell, 29/05/1998); **AIC Frank Giordimaina Medici vs Pio Camilleri** (PA, 30/10/2003) ; **Paul Cutajar v. Bugeja Marbles et** (Appell, 10/01/2007).

fatt li minkejja li huwa ma kkonstata l-ebda debilità permanenti, tali debilità ġiet fil-fehma tal-Ewwel Qorti konstatata minn professjonisti oħra li eżaminaw fiżikament lill-attriċi. Irrispettivament minn jekk verament jirriżultax li l-attriċi tbati minn diżabilità permanenti, kwistjoni din li ser tiġi determinata aktar 'il quddiem, jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti kellha raġuni suffiċjenti sabiex ma taċċettax il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u bl-ebda mod ma poġġiet lilha nnifisha f'pożizzjoni fejn kellha tasal għal xi konklużjoni teknika li teżorbita l-kompetenza tagħha kif isostni l-appellant ikkonsidrat li:

i. l-Perit Tekniku ma wettaq l-ebda eżami fiżiku tal-attriċi;
ii. l-konklużjoni tal-Perit Tekniku kienet tikkontradiċi l-konklużjoni ta' esperti oħra li fil-fatt eżaminaw lill-attriċi fiżikament;
iii. L-Ewwel Qorti straħet fuq il-konklużjonijiet ta' esperti mediċi oħra u ma waslitx għal xi konklużjoni teknika hi waħedha.

25. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

26. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li ġie pruvat sodisfaċentement li l-attriċi

tbati minn debilità permanenti u għalhekk huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas id-danni li ġie kkundannat iħallas. Jargumenta li assolutament mhuwiex minnu illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa kien ikkonċeda bi kwalunkwe mod li seta' kien hemm debilità permanenti, u s-sottomissjoni tiegħu kienet biss fis-sens li l-perċentwali ta' diżabilità m'għandhiex teċċedi it-12.5%. Jgħid li l-Perit Tekniku l-Professur John Portelli kkonkluda fir-relazzjoni tiegħu li l-uġigħ li qed issofri l-attriċi ma jistax jiġi attribwit għall-interventi li għamlulha Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi, u espert tal-istatura tal-Professur Portelli seta' jinduna milli provi kollha u mingħajr il-bżonn ta' eżami fiżiku li l-intervent li għamel l-appellant ma jista' qatt iwassal għal debilità permanenti. Iżid li mill-provi joħroġ ċar li meta Darryl Coombs jirreferi għal nerv danneġġjat u li dan id-dannu qiegħed jattribwih għall-intervent speċifiku li sar għall-iskop ta' *biopsy*, tant li hu jirreferi għal inċiżjoni, u dan ma kienx l-eżerċizzju li wettaq l-appellant. Iżid ukoll li kien hemm intervent ieħor li seta' jikkura lill-attriċi, kif xehdet Dr. Marilyn Casha, iżda l-attriċi għażlet li ma tużufruwix ruħha minnu. Jilmenta dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju li verament l-appellata tilmenta minn uġigħ, u jgħid li l-Ewwel Qorti donnha injorat għal kollox l-osservazzjonijiet magħmula mill-Periti Ġudizzjarji li waqt is-seduti l-attriċi ma uriet l-ebda sinjal ta' uġigħ jew skomfort, u ipparteċipat bis-sħiħ fis-seduti, xi drabi b'mod eċitat u anke aggressiv fil-konfront tal-Avukati u tal-Perit Legali, u kienet tikkomunika b'mod ċar u mingħajr ebda sinjal ta' debilità. Jgħid li ġie sottomess kemm fix-xhieda

u kif ukoll fin-noti ta' sottomissjonijiet li jista' jkun li dak li qed issostni l-attriċi huwa biss fissazzjoni tal-moħħ, u jgħid li l-attriċi kienet pazjenta li kienet qed tieħu trattament psikotropiku diġa meta marret għandu u dan kienet irrappurtatu hija stess meta kien qiegħed jieħu l-*medical history* tagħha. F'dan ir-rigward jargumenta li ħames dentisti ma kinux kapaċi jifhmu minn fejn oriġina dan l-uġigħ li jindika li hemm dijanjosi minn numru ta' professjonisti mħarrġa fl-arti tad-dentistrija u tal-mediċina li ma jaqblux mal-konklużjonijiet tal-Qorti u x-xhieda tagħhom turi d-diffikultajiet li ħabbtu wiċċhom magħhom sensiela sħiħa ta' professjonisti biex tiġi aġevolata l-attriċi. Jargumenta wkoll li anke jekk jiġi aċċettat li l-attriċi tbati minn uġigħ inkrepattiv, kif xehdet Dr. Marilyn Casha kien hemm intervent li seta' jikkura l-attriċi u għalhekk kwalunkwe debilità ma tistax titqies bħala waħda permanenti sakemm dan ir-rimedju u oħrajn jiġu eżawriti.

27. L-attriċi twieġeb li l-appellant stess ammetta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li d-danni ma setgħux kienu aktar minn 12.5% u għalhekk issa ma jistax jaqleb il-pożizzjoni tiegħu kompletament u jsostni li ma sofrietx dannu permanenti, u li fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti ma qalitx li huwa ammetta l-mertu tal-kawża in kwantu għan-negliġenza da parti tiegħu iżda biss li huwa stess jikkontendi li l-perċentwali massima li setgħet sofriet hija ta' 12.5%. Targumenta li fi kwalunkwe każ hi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi id-debilità permanenti li sofriet ikkonsidrat li r-rapport mediku *ex parte* li sar mill-Consultant Maxillofacial

Surgeon Mr Darryl Coombes fit-8 ta' Ottubru 2008 jikkonferma li hija ssofri minn uġigħ kroniku li jissarraf f'diżabilità permanenti ta' 25% minħabba li jaffetwa l-kwalitá tal-ħajja tagħha fl-intier tagħha. Targumenta li anke l-Perit Tekniku stess ikkonferma li hija qed tħoss u tbati minn uġigħ, jikkonferma t-teżi ta' Dr. James Galea u Mr. Coombes li hija kkonfermat diversi drabi li tbati minn tali inkonvenjent ta' *dysthesia* u li m'għandu ebda ombra ta' dubju dwar l-uġigħ kroniku li ssofri, u li hija sofriet debilità permanenti sakemm l-uġigħ jibqa' jippersisti. Tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti m'applikatx il-perċentwali ta' diżabilità mogħtija minn Mr. Coombes fl-ebda mument ma ddikjarat li ma tistax tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu u għalhekk ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti skartat ir-rapport ta' Mr. Darryl Coombes.

28. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "65. Nonostante l-fatt, li Dr. Pullicino Orlando sostna li 'short root canal treatment' ma jistax jagħti lok għal uġigħ li ma jispiċċax, dan jikkontrasta ma' dak sostnut mill-pain specialist Dr. Marilyn Casha li sostniet fix-xhieda tagħha, li jista' jkun hemm infezzjoni għal tul ta' żmien inkluż snin, li tkun chronic u tikkawża chronic pain. Infatti, Dr. Marilyn Casha stess ikkonfermat li r-rikorrenti kienet ingħatat 'a long term treatment' ta' antibiotics. Uġigħ kroniku huwa evidentement uġigħ kontinwu. Dwar l-uġigħ tar-rikorrent xehdet il-pain specialist Dr. Marilyn Casha u ddeskriviet l-uġigħ hekk:
>
> > *"Meta jkollok uġigħ tat-tip li għandha r-rikorrenti, jaffetwalha ħajjitha u dan fis-sens li ma jħallihiex taħseb u dan peress li l-uġigħ qiegħed hemm kontinwament u anke psikoloġikament s-side effects tal-mediċini li qed tieħu. Ir-rikorrenti kull meta rajtha jien dejjem kienet nervuża u mhux f'postha, dan minħabba l-uġigħ."*
>
> 66. Dr. Marilyn Casha kompliet issostni fix-xhieda tagħha:
>
> > *"Għalkemm m'inhix esperta fl-interventi li kellha l-attriċi, ngħid li d-dentisti kienu qed jaħdmu in that area of distribution, ……… jiġifieri fejn l-attriċi kellha l-uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċha."*

67. Mr. James Galea, li kompla jsegwi lir-rikorrenti, wkoll sostna fix-xhieda tiegħu li l-uġigħ oriġina mar-root treatment oriġinali li kien sarilha minn Dr. Pullicino Orlando. Dan ġie sostnut ukoll minn Dr. Coombes.

68. Irid jiġi kkunsidrat ukoll, dak li kulħadd qabel fuqu unanimament fix-xhieda, u dan b'referenza għall-mediċi li xehdu, hemm qbil unanimu li r-rikorrenti wara l-kumplikazzjonijiet u l-interventi li sarulha għadha qed tbagħti minn uġigħ sal-ġurnata tal-lum, liema uġigħ jikkonsisti prinċiplament fuq uġigħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq il-lemin, u xoffitha imtarrxa fuq in-naħa t'isfel fuq il-lemin.

69. Il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix illi, għalkemm ma ġiex ippruvat definittivament minn fejn qed joriġina dan l-uġigħ, ma huwa bl-ebda mod kontestat mit-tobba kuranti tagħha, li hija baqgħet u għadha tilmenta minn dan l-uġigħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq in-naħa tal-lemin, li huwa chronic facial pain.

70. Inoltre`, fir-risposta numru sitta tad-domanda in eskussjoni, Mr. Portelli ikkonferma li r-rikorrenti għandha facial pain, u sostna li f'każijiet ta' uġigħ lamentat bħal dan, f'każ li ma jkunx hemm riżultati mediċi u patoloġiċi, il-prattiku mediku jkollu jistrieħ fuq ir-risposta tal-pazjent.

71. Ir-rikorrenti baqgħet tilmenta minn dan l-uġigħ tant li hija anke marret għand Dr. Coombes fl-Ingilterra li kien intervjena fuqha b'cyrotherapy fl-2011, iżda kif qal Dr. Coombes "*nerve was already damaged when I intervened*". Ir-rikorrenti stess ikkonfermat, li anke konsegwenza tal-uġigħ ħakmitha dipressjoni u kellha tibda tmur għal visti għand il-Psikjatra Dr. Anthony Dimech. Christine Bartolo bint ir-rikorrenti ikkonfermat ukoll, li r-rikorrenti ommha tant baqgħet tbagħti minn dan il-chronic facial pain, li ma baqgħetx indipendenti u saret dipendenti fuqha u fuq missierha.

72. Għalhekk, mill-assjem tal-provi, jidher li l-uġigħ, magħruf bħala chronic facial pain baqa' jiżdied u jikber in segwitu għall-intervent oriġinali tar-root canal treatments minn Dr. Pullicino Orlando."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

29. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. Il-fatt li l-attriċi tbati minn uġigħ kroniku jirriżulta ampjament mill-provi li jinsabu fl-atti. Apparti

li dwar dan l-uġigħ xehdet l-attriċi bil-ġurament tagħha, fl-atti ġew prodotti wkoll is-segwenti provi li jikkonfermaw l-uġigħ li tbati minnu l-attriċi:

i. Rapport ta' Mr. Darryl Michael Coombes, Consultant Oral and Maxillofacial Surgeon u x-xhieda tiegħu in kontroeżami. Dan il-konsulent, li kien tqabbad *ex parte* mill-attriċi, jikkonferma li l-attriċi tbati minn uġigħ kroniku fil-wiċċ, oltre tnaqqis fis-sensazzjoni fix-xoffa t'isfel tan-naħa tal-lemin u fil-geddum, li skont hu jkompli jżid mal-problema tal-uġigħ li tħoss l-attriċi.

ii. Carmen Delicata, Family Therapist, xehdet li f'kull seduta li kellha mal-attriċi mill-2010 'il quddiem kienu dwar l-uġigħ u t-tbatija li kienet tħoss u li anke l-ħajja familjari tal-attriċi ġiet affettwata minħabba dan l-uġigħ.

iii. Mr. James Galea, li huwa kirurgu tal-ħalq xehed li huwa kien ilu jara lill-attriċi darba jew darbtejn fil-ġimgħa sa minn Settembru/Ottubru 2010[2] u kkonferma li l-attriċi "llum issofri minn severe neurological pain. Dan huwa ugiegh li gej minn nervituri li jista' jigi kemm mis-snien u kemm mill-*jaw.* Dan l-ugiegh difficli hafna biex titrattah u anke jekk taqla' sinna l-ugiegh xorta hemm jibqa'. Naf li l-ugiegh huwa newrologiku, jekk taghti injection tal-anestesija direttament fejn in-nerv qabel jidhol fl-ghadma l-ugiegh ibatti sew." L-istess xhud

[2] Għal finijiet ta' kjarezza, dan ix-xhud xehed fit-28 ta' Mejju 2012.

ikkonferma ċar u tond li l-attriċi tbati minn debilità permanenti minħabba l-uġigħ li qed issofri u spjega hekk: "Realistikament ma nahsibx li l-attrici sejra tmur il-quddiem fl-ugiegh li ghandha. Ippruvajna u ghamilna minn kollox, però kollu ghalxejn. Skond kif inhuma l-affarijiet illum il-pazjenta ssofri minn debilità permanenti. L-attrici tghix madwar l-ugiegh. Jien irreferejtha ukoll ghand specjalista tal-psikjatrija u cioe Dr Anthony Dimech u dan peress li fil-fehma tieghi hija marret lura psikologikament kawza diretta ta' l-ugiegh."

iv. Dr Brigette Gafa kkonfermat ukoll li l-attriċi tbati minn uġigħ f'wiccha u li sad-data tax-xhieda ma kienx irnexxilha tfejjaq dan l-uġigħ.

v. Dr Marilyn Casha li hija Consultant Anaesthetist b'interess speċjali fl-Immaniġġjar tal-Uġigħ, ukoll ikkonfermat li l-attriċi tbati minn uġigħ kroniku li "…jaffettwalha hajjitha u dan fis-sens li ma jhallihiex tahseb u dan peress li l-ugiegh qieghed hemm kontinwament u anke psikologikament u s-side effects tal-medicini li qed tiehu. Ir-rikorrent kull meta rajtha, jien dejjem rajtha nervuza u mhux f'postha. Dan minhabba l-ugiegh."

vi. Bint l-attriċi Christine Bartolo xehdet dwar l-uġigħ li tesperjenza ommha u kif dan biddel ħajjitha u l-karattru tagħha. Spjegat li ommha bdiet tieħu ħafna mediċini li għamlu ħsara lill-partijiet ta' ġisimha inkluż il-fwied, li "saret

it-triplu nervuza ta' li kienet qabel. Inkunu f'post ikollna nitilqu" u li saret il-ħin kollu mdejqa u jkollha problemi tissoċjalizza u tiekol u bdiet issuq distanzi qosra biss. L-ebda kontroeżami ma sar ta' din ix-xhud.

vii. Ir-raġel tal-attriċi Carmel Bartolo xehed li minħabba l-uġigħ li tbati minnu l-attriċi tqatta' ħafna mill-ġurnata fis-sodda, saret issuq distanzi qosra u m'għadhiex indipendenti bħalma kienet qabel. L-ebda kontroeżami ma sar ta' dan ix-xhud.

viii. Fir-risposta tal-Perit Tekniku għad-domandi in eskussjoni magħmula minnu mill-attriċi l-istess Perit irrisponda "Naqbel mingħajr riservi" li l-attriċi tbati minn uġigħ kroniku kif konstatat minn Dr James Galea u Mr Darryl Coombes, qal li l-attriċi "ilha tbati minn dan l-uġigħ kroniku sa mill-2009", qabel mal-konklużjoni ta' Dr. Marilyn Casha li l-attriċi tbati minn "uġigħ inkrepattiv" u mistoqsi jekk jaqbilx li l-attriċi għandha debilità permanenti wieġeb "Nikkonferma li l-attriċi għandha debilità sakemm dan l'uġigħ jippersisti.";

30. In vista ta' dawn il-provi dwar l-uġigħ li kienet qed tħoss l-attriċi u kif dan affettwalha ħajjitha l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-attriċi tbati minn uġigħ kroniku u konsegwentement debilità permanenti. Dan ġie kkonfermat anke minn professjonisti dentali u mediċi li jidher li għamlu l-almu tagħhom fuq diversi snin sabiex ifejqu lill-attriċi jew almenu jnaqqsu mill-uġigħ li kienet qed tħoss, u din il-Qorti

ssibha ferm diffiċli li temmen li ħadd minn dawn il-professjonisti ma kien ser jinduna għal dak iż-żmien kollu li mhuwiex minnu li l-attriċi qed tħoss xi uġigħ kieku dan verament kien il-każ. Il-Qorti tqis li huwa pjuttost deplorevoli li rinfaċċat b'dawn il-provi kollha l-appellant jargumenta li l-attriċi m'għandha l-ebda uġigħ u li dan l-uġigħ huwa biss "fissazzjoni tal-moħħ" u agħar minn hekk jalludi li huwa biss konsegwenza ta' kondizzjoni mentali li skont hu tbati minnha l-attriċi.

31. Dwar l-argument tal-appellanti bbażat fuq l-imġieba tal-attriċi waqt is-seduti, il-Qorti tosserva li kemm mix-xhieda ta' bint l-attriċi u kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha jirriżulta li l-attriċi saret persuna nervuża ħafna minħabba l-uġigħ li tbati minnu tant li bint l-attriċi xehdet li kemm - il darba jkollhom jitilqu meta jmorru x'imkien. Fl-isfond ta' dan, din il-Qorti qajla ssib li l-imġieba nervuża tal-attriċi waqt is-seduti hija xi prova li mhux qed issofri minn uġigħ, u dan oltre l-fatt li għax persuna tkun muġugħa ma jfissirx li mhijiex sejra turi jew tesprimi l-frustrazzjoni tagħha f'mumenti li tħoss li jkunu diffiċli għaliha.

32. Dwar l-argument tal-appellant li ma jistax jingħad li l-attriċi sofriet minn debilità permanenti għaliex irrifjutat trattament offrut lilha minn Dr. Marilyn Casha, l-Qorti tosserva li minn imkien mill-atti ma jirriżulta li dan it-trattament kien żgur ser ikollu suċċess u jelimina għal kollox u għal dejjem l-uġigħ li tħoss l-attriċi. Apparti minn hekk il-Qorti rat li l-attriċi kienet diġà ppruvat numru ta' trattamenti għand professjonisti differenti,

inkluż Dr. Marilyn Casha stess, u l-ebda wieħed minn dawn ma ħadem. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt li l-attriċi rrifjutat trattament offrut minn Dr. Casha ma jistax awtomatikament iwassal għall-konklużjoni li l-attriċi ma sofrietx debilità permanenti jew li hija b'hekk ikkontribwiet għal dak li għaddejja minnu.

33. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' u l-Ħames Aggravju, u l-Ewwel Aggravju tal-Appell Inċidentali tal-Attriċi**

34. Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li rriżulta li kien l-intervent tiegħu li kkawża kwalunkwe allegata debilità permanenti li tista' qed issofri minnha l-attriċi. Jargumenta li l-Ewwel Qorti stess ikkonċediet li ma ġiex ipprovat definittivament minn fejn joriġina l-uġigħ ilmentat mill-attriċi u għalhekk l-Ewwel Qorti messha rat li n-ness kawżali bejn l-intervent tad-dentisti konvenuti u l-uġigħ ilmentat kien mankanti u lliberathom it-tnejn mill-osservanza tal-ġudizzju. Isostni li ma jistax jifhem kif seta' jinstab responsabbli ta' debilità permanenti meta l-Qorti stess qalet li l-oriġini tad-debilità ma ġiex identifikat jew ippruvat definittivament. Jargumenta li l-fatt li l-espert ex parte Darryl Coombs xehed li l-attriċi ma kinitx semmiet lilu iżda lil Dr. John Felice imbagħad sussegwentement talbitu jbiddel l-isem għal dak tal-appellant jqajjem dubji serji dwar il-veraċità tal-

allegazzjoni mressqa kontrih. Iżid li Dr. John Felice xehed li sena wara li kien ra lill-attriċi hija kienet ċemplitlu u qaltlu li kienet sejra tajjeb wara l-intervent ta' Dr. Alexander Azzopardi, u jżid li l-korrezzjoni adegwata ta' *short root treatment* għandha tikkura kwalunkwe infezzjoni, uġigħ u skumdita relatat. Jargumenta li Dr. Darryl Coombs ta l-opinjoni li l-attriċi għandha uġigħ kroniku għaliex kellha *root canal treatments* ripetuti, iżda meta l-appellant għamel l-intervent in kwistjoni kienu diġa saru żewġ interventi oħra minn Dr. Jan Muscat u Dr. Audrey Camilleri, u warajh reġa' intervjena Dr. Alexander Azzopardi, u sussegwentement Dr. James Galea u Dr. Darryl Coombs. Iżid li Dr. James Galea xehed li huwa kien amministra numru ta' pilloli differenti lill-attriċi li minnhom infushom jistgħu wkoll iwasslu għall-kumplikazzjoni u '*side effects.*' Isostni li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi b'ċertezza morali li minn tant dentisti li intervjenew fuq l-attriċi kien l-intervent tiegħu li ħoloq dan kollu, partikolarment jekk il-kawża ta' dak li allegatament qed issofri minnu l-attriċi kien ir-riżultat ta' '*repeated instrumentation.*' Iżid li mix-xhieda ta' Dr. Jan Muscat jirriżulta li *root canal treatment* mhux bilfors jikkura wġigħ, anke jekk tali intervent isir b'suċċess, u jżid li fi kwalunkwe każ anke jekk ma jsirx sew ma joħloqx debilità permanenti. Jgħid li Dr. Darryl Coombs imputa l-*altered sensation* fix-xoffa tal-attriċi għal *bone biopsy* li saret minn Dr. Alexander Azzopardi u jżid li Dr James Galea xehed in kontroeżami li għalkemm l-uġigħ jista' jkun li beda mar-*root canal treatment,* mhux bilfors li kien dan it-*triggering point,* u li fl-istess żona saret *root treatment* oħra minn Dr. Audrey Camilleri li falliet tant li d-darsa

mbagħad ġiet maqlugħa u l-fatt li saru *root treatments* fuq numru ta' visti aktar minn normal juri l-komplessita ta' dan li żgur hija kontributorja b'mod sinjifikattiv għal xi effetti li jistgħu jirriżultaw minn *repeated instrumentation.* Jargumenta li l-provi juri li l-kawża prossima tal-uġigħ tal-attriċi hija l-*bone biopsy* li saret minn Dr. Alexander Azzopardi u dan ikkonsidrat ix-xhieda ta' Dr. James Galea u Dr. Darryl Coombs, u wkoll ix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha li stqarret li meta pazjent jgħid li għandu "*burning pain"* jifhmu li dan huwa uġigħ li l-oriġini tiegħu ikun ġej minn nerv danneġġjat jew irritat. Isostni li għalhekk dan għandu jiskolpah kompletament mill-kwistjoni tat-tnemnim fix-xoffa u l-uġigħ kroniku li l-attriċi ssofri minnu peress li bl-intervent tiegħu ma kien hemm l-ebda aċċess għan-nerv maġġuri. Iżid li dan jirriżulta aktar ċar mix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha li spjegat li peress li l-attriċi tallega li l-uġigħ ġej minn żoni li huma konnessi ma' nervituri diversi dan jimmilita kontra t-teżi tal-attriċi li l-intervent tiegħu kkawża kwalunkwe problema li issa qed tesperjenza l-attriċi.

35. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jargumenta li huwa ma jistax jitqies li kien traskurat jew li ma kienx prudenti jew diliġenti jew li aġixxa b'imperizja. Jargumenta li mhux kull nuqqas professjonali jrendi professjonist suxxettibbli għad-danni minħabba *culpa* da parti tiegħu, iżda l-azzjoni jew ommissjoni eżaminata fl-investigazzjoni ġudizzjarja trid tkun inqas mill-i*standard* ta' professjonist raġonevolment kompetenti, u trid tkun mankanza grossolana li ma kinitx isseħħ kieku l-prattikant addotta l-

prudenza ordinarja mistennija minnu, u jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli taddotta dawn il-prinċipji. Jilmenta li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma superfiċjali u sempliċistiċi u jżid li jista' jkun li l-infezzjoni fl-għadma li kellha l-attriċi kienet diġà hemm meta marret tilmenta bl-uġigħ l-ewwel minn sensiela ta' dentist li rrikorriet għalihom l-attriċi, u seta' rriżulta wkoll mill-interventi li sarulha minn Dr. Audrey Camilleri u Dr. Jan Muscat, li t-tnejn li huma rawha qablu. Isostni li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiddetermina jew bl-azzjoni jew l-ommissjoni tiegħu setax jitqies li huwa kien negliġenti fl-eżerċizzju tal-professjoni u jekk hemmx ness kawżali bejn tali azzjoni jew ommissjoni u d-debilità lamentata. Isostni li l-intervent tiegħu, anke jekk mhux perfett, ma jikkostitwix culpa, għaliex din hija sitwazzjoni komuni għal kull dentist tant li huwa mill-ewwel qabel li l-intervent ma kienx perfett. Jgħid li l-attriċi kienet pazjenta diffiċli kemm għaliex bil-biżgħa ma kinitx iżżomm ħalqha miftuħ u kemm għaliex *curved roots* jipproponu diffikultà maġġuri fit-trattament, iżda l-Ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni kwalsiasi għal dawn iż-żewġ fatturi. Isostni li l-intervent tiegħu ma kienx mankanti b'mod grossolan u ma tirriżulta l-ebda traskuraġni fl-operat tiegħu, għaliex kieku Dr. John Felice ma kienx jixhed li dan it-trattament mhux dejjem jirnexxi għaliex xi drabi lanqas jirnexxilek tidħol, u barra minn hekk Dr. Alexander Azzopardi kellu jagħmel iżjed interventi minn dak li normalment isiru minħabba li kellu diffikultà jaċċedi fir-*root canals.* Jgħid li mill-provi jirriżulta li għalkemm l-intervent li għamel ma kienx adegwat ma jistax jiġi awtomatikament konkluż li kien hemm xi imperizja jew negligenza

grossolana, partikolarment ikkonsidrat li Dr. Jan Muscat ipprefera jaqla' s-sinna milli jagħmel *root treatment,* ħaġa li fil-prattika ssir bħala *last resort.*

36. L-attriċi twieġeb li l-Ewwel Qorti tat spjegazzjoni ċara u dettaljata ta' kif waslet għan-ness bejn id-debilità permanenti sofferta mill-attriċi u l-intervent li għamel il-konvenut appellanti, u dan abbażi tal-provi li tressqu fil-mori tal-kawża. Targumenta li mill-provi jirriżulta li qabel ma marret għand l-appellant hija ma kellhiex uġigħ, u li kien wara l-intervent magħmul minnu li bdiet tbati mill-uġigħ li tilmenta dwaru f'din il-kawża. Tgħid li għalhekk mhuwiex minnu dak li jgħid l-appellant fir-raba' aggravju tiegħu li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel ix-xogħol tal-attriċi, għaliex hija ressqet kull prova biex tissostanzja l-pretensjoni tagħha u kien proprju fuq dawn il-provi li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha.

37. Fir-rigward tal-ħames aggravju l-attriċi twieġeb li fejn tidħol ir-responsabbilità ta' professjonist mediku l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin issostni li huwa biżżejjed li tali professjonist juża l-prudenza, id-diliġenza u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* hekk kif rikjesta mill-professjoni tiegħu, u li l-proċeduri mediċi jridu jsiru *secundum artem.* Tgħid li skont il-ġurisprudenza professjonist mhuwiex tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali sakemm dan l-iżball ma kienx wieħed grossolan u sakemm il-ħtija ma tkunx tista' tiġi addebitata minħabba nuqqas ta' attenzjoni ta' *bonus pater familias.* Targumenta li f'dan il-każ hija ressqet

biżżejjed provi li juru li l-interventi magħmula mill-appellant ma sarux skont is-sengħa u l-arti u li l-appellant m'użax id-diliġenza ta' *bonus pater familias* peress li l-intervent sar b'negliġenza. Tgħid li minkejja li l-appellant kien jaf dwar ir-riskji assoċjati ma' *curved roots* huwa ma qalilha xejn dwar dawn ir-riskji.

38. Permezz tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tagħha l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta lliberat lil Dr. Alexander Azzopardi mill-osservanza tal-ġudizzju, u dan peress illi Dr. Azzopardi huwa wkoll responsabbli għad-debilità permanenti sofferta minnha. Targumenta li mir-rapport ta' Dr. Coombes u mix-xhieda ta' Dr. James Galea jirriżulta li l-*bone biopsy* saret ta' xejn u inoltre ma saritx bid-diliġenza rikjesta iżda saret b'mod ħażin u mhux skont l-arti u s-sengħa tant illi n-nerv ġie ddanneġjat f'dan l-intervent. Tgħid illi l-esperti msemmija ma waslux għall-konklużjoni ta' negliġenza sempliċiment għaliex saret ħsara fin-nerv, iżda għaliex skont huma Dr. Azzopardi kien negliġenti fil-mod kif iddeċieda li jagħmel l-intervent u wkoll meta għamel l-istess intervent. Tgħid li Dr. James Galea xehed li mis-*CT Scans* li għamel hu ma rriżultax li l-attriċi kellha *osteomyelitis*, u ċjoè infezzjoni fl-għadam, u għalhekk in-negliġenza ta' Dr. Azzopardi tibda mill-fatt li għamel intervent li fil-verità ma kellux isir, u li seta' jiġi evitat li kieku qara sew is-*CT scans* u d-dokumentazzjoni kollha disponibbli. Iżżid li mix-xhieda ta' dan l-espert jirriżulta li dan l-intervent li għamel Dr. Azzopardi kien wieħed riskjuż peress li minn fejn ittieħed il-*biopsy* hemm nerv li

jagħti sensazzjoni lix-xoffa, is-snien u l-ħanek tan-naħa tal-lemin, u li Dr. Darryl Coombes ikkonferma fir-relazzjoni li kien minħabba l-mod kif sar dan l-intervent li l-attriċi sofriet dannu fin-nervituri. Iżżid li ladarba dan kien intervent diffiċli kien dover sagrosant ta' Dr. Alexander Azzopardi li jirreferiha għand speċjalist u mhux jipprova jagħmel dan l-intervent hu biex forsi jsib xi ħaġa.

39. Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jwieġeb li huwa la jaqbel u lanqas huwa kontra dan l-aggravju. Jgħid li ma jistax jaqbel ma' dan l-aggravju peress li ma jaċċettax li l-attriċi sofriet xi debilità permanenti, filwaqt li jaqbel miegħu sal-estent li jekk jirriżulta li l-attriċi fil-fatt sofriet xi debilità permanenti l-provi kollha jippontaw għall-intervent li għamel Dr. Alexander Azzopardi.

40. Dr. Alexander Azzopardi jwieġeb li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni korretta peress li kien hemm diverġenza ta' opinjonijiet mediċi dwar dan il-punt. Jargumenta li l-Ewwel Qorti qablet miegħu li ma ġiex suffiċjentement pruvat li huwa għamel ħsara fin-nerv u li d-dannu per se mhuwiex prova aħħarija ta' negliġenza da parti tiegħu. Jgħid li mill-provi kien jirriżulta li ma kienx minnu li l-*bone biopsy* saret ta' xejn u li huwa għamel dak kollu li seta' jagħmel u dan skont is-sengħa u l-arti.

41. Oltre l-konsiderazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti li ġew riportati f'din is-sentenza fil-paragrafu 28, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma relevanti għall-finijiet ta' dawn l-aggravji:

> "73. Fl-eċċezzjonijiet tiegħu, Dr. Pullicino Orlando sostna li r-rikorrenti kienet marret għandu oriġinarjament tilmenta minn dentist ieħor. Iżda, ma tressqet l-ebda prova dwar trattament jew intervent preċedenti fuq ir-rikorrenti li ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti u skont id-dettami tal-professjoni medika. Mill-banda l-oħra, jirriżulta illi Dr Jan Muscat stqarr illi r-rikorrenti eventwalment marret għand Dr Pullicino Orlando peress illi huwa ma jagħmilx ix-xogħol li Dr Pullicino Orlando kien f'posizzjoni illi jagħmel.
>
> 74. Jiġi osservat ukoll, li Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, fis-sottomissjonijiet oriġinali tiegħu, ossija qabel ma' l-Perit Mediku tal-Qorti ikkonkluda li ma kienx hemm debilità permanenti, kien ikkonċeda illi seta' kien hemm diżabbilta' permanenti u pproċeda biex ħadem il-komputazzjoni ta' danni, fejn ibbaża l-komputazzjoni tiegħu billi, bħala tabib dentist li intervjena fuqha, stqarr li debilità permanenti kellha tkun ta' mhux aktar minn tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%), u dana filwaqt illi insista li l-ammont ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) minn Dr. Coombes kien għoli wisq.
>
> 75. Naturalment, la darba l-Perit Mediku wasal għal konklużjoni li ma kellha ebda diżabbilta' permanenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ma kien għamel l-ebda komputazzjoni u sostna li m'għandux iħallas l-ebda danni, iżda dan sar biss in segwitu għar-rapport ta' l-espert Mr. John Portelli.
>
> 76. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li, għalkemm ma tistax tingħata debilità` permanenti minn din il-Qorti għaliex mhuwiex il-kompitu taghha fiċ-ċirkostanzi, madanakollu ġie suffiċjentement ippruvat, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-interventi ta' Dr. Pullicino Orlando kienu inadegwati, u r-rikorrenti baqgħet in segwitu tbagħti minn chronic facial pain, fejn l-intimat Pullicino Orlando ikkonstata li l-agħar ipotesi ta' diżabilta' permanenti kien ta' tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%).
>
> **Intervent ta' Dr. Alexander Azzopardi**
>
> 77. Mill-assjem tal-provi, jirriżulta, li sussegwentement għall-intervent ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, ir-rikorrenti kienet marret għand Dr. John Felice li, wara li osserva li ma kinitx ta' jdejh, bagħtha bil-problema tal-uġigħ għand Dr. Alex Azzopardi. Wara li ġie affermat li r-root canal treatment li kien sar minn Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, kien inadegwat, Dr. Azzopardi, pproċeda biex neħħa r-root treatment preċedenti, u għamel root treatment ġdid, kif ukoll amministralha antibiotiċi, stante li s-sinjura Bartolo kellha infezzjoni, li kienet kawża

tal-uġigħ. Sussegwentement, Dr. Azzopardi, kien ordna '*bone biopsy*' lir-rikorrenti, fejn irriżulta li kellha infezzjoni fl-għadam tax-xedaq, magħrufa bħala osteomyelitis.

78. In segwitu, Dr. Azzopardi kien intervjena billi għamel ir-root treatment mill-ġdid. Mr. James Galea, fil-fatt, ikkonferma li dawn ir-root treatments saru korrettement. Għalhekk, m'hemm l-ebda kwistjoni jew kontestazzjoni dwar l-intervent tar-root treatment, li indubbjament sar sew minn Dr. Azzopardi.

79. Nonostante dan, ir-rikorrenti baqgħet tilmenta minn uġigħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq in-naħa tal-lemin, u kien għalhekk, li baqgħet tagħmel visti għand dentisti fosthom Mr. James Galea, u kif ukoll aktar tard ma' Dr. Coombes.

80. Mill-provi fl-atti tal-każ, hemm diverġenza ta' opinjonijiet mediċi dwar il-bone biopsy li saret minn Dr. Azzopardi. Fil-fatt, kemm Mr. James Galea u Dr. Coombes għamlu deduzzjoni fix-xhieda tagħhom, li r-rikorrenti sarilha ħsara fin-nerv waqt il-'bone biopsy' u li l-bone biopsy saret bla bżonn. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet, Dr. Azzopardi sostna li meta saret il-bone biopsy, kien sabiex jipprova jsib is-sors tal-uġigħ u bl-ebda mod, ma ġie ppruvat li kien Dr. Azzopardi li ddanneġġa n-nerv. Infatti, ġie sottomess fis-sottomissjonijiet tiegħu, li d-dannu *per se* mhuwiex il-prova aħħarija ta' negliġenza da parti ta' tabib, għaliex il-fatt waħdu li jiġi ppruvat id-dannu fin-nerv, ma jfissirx li t-tabib huwa ħati ta' negliġenza. In sostenn għall-argument tiegħu, fis-sottomissjonijiet, Dr. Azzopardi rrefera gall-konklużjonijiet ta' Mr. James Galea u Dr. Coombes, it-tobba li r-rikorrenti qed tibbaża t-teżi tagħha fuqhom.

81. Relevanti huwa dak konkluż minn Mr. Galea u Dr. Coombes, li fl-ewwel lok, ġie konkluż li l-uġigħ soffert mir-rikorrenti kellu diversi fatturi u 'triggers'. In sostenn għall-argument tiegħu, Dr. Azzopardi irrefera wkoll għar-riżultati patoloġiċi u r-riżultati ta' Xrays, li juru li r-rikorrenti qabel marret għand Dr. Azzopardi kellha infezzjoni li tirriżulta minn dawn it-testijiet. Inoltre`, meta saritilha l-bone biopsy irriżulta li hija kellha nfezzjoni fl-għadma. Inoltre`, ġie sottomess ukoll fis-sottomissjonijiet ta' Dr. Azzopardi, li wieħed mis-sintoma ta' infezzjoni fl-għadma, ossija osteomyelitis huma xofftejn imtarrxa, u n-nerv ikkonċernat li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma igħaddix minn fejn saret il-biopsy.

82. Mill-provi jirriżulta, li r-rikorrenti ippruvat 'l hinn minn kull dubju illi verament hija qed tilmenta minn uġigħ, li jissejjaħ neuropathic pain, li jikludi 'idiopathic facial pain'. Meta Dr. Coombes intervjena fuq ir-rikorrenti permezz ta' cyrotherapy, kien ikkonkluda li dan l-intervent ma setax jirnexxi għaliex in-nerv kien diġa danneġġjat.

83. Madankollu, din il-Qorti, tikkunsidra, li bl-ebda mod fl-atti tal-każ ma ġie ppruvat li d-dannu fin-nerv sar konsegwenza ta' l-intervent u t-trattament ta' Dr. Alex Azzopardi. Għalhekk, f'dan ir-rigward, taqbel

mas-sottomissjonijiet ta' Dr. Azzopardi stess, li mhuwiex suffiċjenti li jiġi ppruvat id-dannu sabiex it-tabib jinstab ħati ta' negliġenza, iżda jeħtieġ li jkun hemm ness ta' kawża u effett li jiġi ppruvat u li l-prova tistabilixxi li d-dannu tnissel minn att jew ommissjoni ta' tabib. Għaldaqstant ma inġabet ebda prova li turi li allegatament inkiser l-istandard mediku mitlub minn Dr. Alex Azzopardi.

84. F'dan il-kuntest, huwa relevanti ħafna dak li sostniet il-pain specialist Dr. Marilyn Casha f'dan ir-rigward, li qalet li n-nerv jista' jiġi effetwat u sensitizzat anke jekk ikun hemm infezzjoni fil-viċin. Issa li r-rikorrenti kellha infezzjoni fl-għadma, billi rriżulta li kellha osteomyelitis huwa stabbilit, b'hekk aktar u aktar ma tistax tiġi attribwita ebda ħtija jew negliġenza lil Dr. Alex Azzopardi.

85. Inoltre`, l-allegata sottomissjoni tar-rikorrenti, kif sostnuta minn Mr. James Galea u Dr. Coombes, li l-bone biopsy saret għal xejn ma treġġix, ladarba instab li Nathalie Bartolo kellha *osteomyelitis*, infezzjoni fl-għadma. Dr. Azzopardi kien proprju għalhekk li ordna l-bone biopsy sabiex ifittex kull sors ta' uġigħ. Di piu`, minn dak li jinsab eżebit fid-dokument tat-test tal-laboratorju eżebit a fol 49-50 tal-proċess, u ffirmat minn Dr. A. Savic u Dr. A Betts, it-test li sar lir-rikorrenti ma kienx għal xejn.

86. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq id-deduzzjoni ta' Mr James Galea u Dr. Coombes li l-bone biopsy saret għal xejn, kwindi ma jistax jiġi attribwit ebda tort jew ebda culpa jew negliġenza da parti tat-tabib Dr. Alex Azzopardi.

87. Għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Dr. Azzopardi, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

42. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mill-argumentazzjoni magħmula mill-appellant fir-raba' aggravju tiegħu jidher illi l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tapplika grad ta' prova ferm aktar għoli minn dak rikjest fil-kamp ċivili. L-appellant donnu jippretendi li l-attriċi kellha turi b'ċertezza assoluta li d-debilità permanenti sofferta minnha oriġinat bi ħtija tiegħu. Huwa minnu li jrid jirriżulta li l-ħsara sofferta mill-attriċi hija ħtija tiegħu, jew tal-konvenut l-ieħor id-Dentist Dr. Alexander Azzopardi, jew tat-tnejn

li huma, sabiex l-attriċi tkun tista' tirnexxi fl-azzjoni intavolata minnha. Però m'hemm l-ebda ħtieġa li dan tippruvah b'ċertezza assoluta, liema grad huwa saħansitra aktar għoli mill-grad ta' prova rikjest fil-kamp kriminali fejn il-grad ta' prova huwa lil hinn minn kull dubbju raġonevoli. Għall-finijiet ta' din il-kawża l-attriċi jeħtiġilha tipprova fuq bilanċ ta' probabilitajiet li d-debilità sofferta minnha ġiet ikkaġunata mill-konvenuti jew xi ħadd minnhom, u ċjoè jekk huwiex mhux biss possibbli iżda probabbli, u aktar probabbli milli le, li l-uġigħ li tħoss ġie kkaġunat mit-trattament li għamlulha l-konvenuti jew min minnhom.

43. L-appellant jargumenta li ma jistax ikun li l-uġigħ li tbati minnu l-attriċi huwa ħtija tiegħu għaliex *root canal treatment* ma jikkawżax danni permanenti jew uġigħ kroniku anke jekk ma jsirx sew, u jagħmel referenza għax-xhieda ta' Dr. Jan Muscat f'dan is-sens, u jgħid ukoll li jekk xejn mill-provi jidher li l-uġigħ li tħoss l-attriċi ġie kkawżat mill-konvenut l-ieħor Dr. Alexander Azzopardi peress li jidher li huwa wġigħ oriġinanti min-nervituri. Il-Qorti tosserva li mix-xhieda in kontroeżami ta' Dr. Marilyn Casha jirriżulta li "[m]hux bilfors ikun hemm event hdejn jew fuq in-nerv biex jigi affetwat" u li anke infezzjoni bħala *osteomylitis* tista' tikkawża uġigħ fin-nervituri. Il-Qorti rat ukoll li mir-rapport ta' Mr. Darryl Coombes u mix-xhieda tiegħu in kontroeżami dan l-espert xehed li skont il-litteratura *short root treatment* jista' jikkawża wġigħ kroniku u wkoll li *repeated* jew *multiple instrumentation* tista' tikkawża *uġigħ kroniku.* Għalkemm l-appellant jargumenta li huwa mpossibli li wieħed isib is-sors tal-uġigħ

peress li l-attriċi kienet marret għand dentisti oħra qablu, il-Qorti tosserva li l-attriċi kienet marret għand dentisti oħra madwar erba' xhur qabel marret għand l-appellant u huwa inverosimili li kienet ser tkun muġugħa severament u ddum tistenna numru ta' xhur qabel ma tmur tieħu parir ieħor. Inoltre l-Qorti tosserva li fl-affidavit tiegħu l-appellant stess qal li l-uġigħ li jgħid l-attriċi kienet qed tħoss l-ewwel darba li marret għandu (għalkemm l-attriċi tinnega li dak iż-żmien kienet muġugħa) kien ikkaġunat minn "żbilanċ fil-gidma minħabba nuqqas ta' snien fuq xi naħa tal-ħalq" u m'għandu xejn x'jaqsam ma' infezzjonijiet u/jew ħsara fin-nervituri. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx li ma jirriżultax ness kawżali bejn it-trattament li esegwixxa l-appellant u d-debilità permanenti sofferta mill-attriċi. Huwa minnu li dan in-ness kawżali ma jirriżultax b'ċertezza assoluta, iżda kif diġà ġie spjegat dan mhuwiex il-grad ta' prova li huwa meħtieġ fi proċeduri bħal dawn. Fil-fehma ta' din il-Qorti mill-provi jirriżulta fuq bilanċ ta' probabilitajiet li t-trattament inadegwat esegwit mill-appellant ikkawża, almenu in parti, id-debilità permanenti sofferta mill-attriċi.

44. L-appellant isostni wkoll li ladarba l-esperti jidher li qablu li l-uġigħ ġej minn nervituri allura jekk xejn huwa Dr. Alexander Azzopardi li għandu jirrispondi għad-debilità sofferta mill-attriċi peress li jidher li seta' kien hu li għamel ħsara fin-nervituri meta għamel *biopsy* biex jinvestiga minn fejn kien ġej l-uġigħ li kienet qed tilmenta minnu l-attriċi. Il-Qorti tqis però li anke jekk huwa l-każ li Dr. Alexander Azzopardi għamel xi ħsara fin-

nervituri tal-attriċi dan ma jassolvix lill-appellant minn kull ħtija. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta sodisfaċentement li l-*biopsy* li għamel Dr. Alexander Azzopardi kienet meħtieġa minħabba t-trattament inadegwat li għamel l-appellant fuq l-attriċi. Fil-fatt mhuwiex kontestat li r-*root canal treatment* li l-appellant għamel fuq l-attriċi kien inadegwat billi kien qasir wisq, u ċjoè il-*filling* tal-canals ma' baqax nieżel sal-apex. Mill-provi jirriżulta li meta *root canal treatment* isir b'dan il-mod hemm riskju kbir li tirriżulta infezzjoni. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba jidher wisq probabbli li l-infezzjoni fl-għadam li rriżulta li kellha l-attriċi kienet ikkawżata minn dan in-nuqqas tal-appellant l-appellant jibqa' responsabbli għad-debilità li sofriet l-appellant anke jekk jirriżulta li Dr. Alexander Azzopardi kkawża dannu fin-nerv, għaliex kien it-trattament inadegwat tal-appellant li fl-aħħar mill-aħħar ħoloq il-ħtieġa li jsir dan l-intervent, u kif ser jiġi spjegat fil-paragrafi li jirrigwardaw ir-raba' aggravju tal-appellant, l-inadegwatezza tat-trattament esegwit mill-appellant kienet kaġun ta' imperizija u negligenza grossolana da parti tiegħu.

45. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant li mill-atti ma jirriżultax li kien hemm xi imperzija jew negligenza grossolana da parti tiegħu. Il-fatt li mill-provi jirriżulta li s-snien tal-attriċi kienu iktar diffiċli biex jiġu trattati minħabba li kellhom *curved roots* ma jfissirx li l-appellant għandu jiġi awtomatikament assolt minn kull responsabbilità għan-nuqqasijiet fit-trattament tagħha. L-appellant isostni li l-livell ta' diliġenza u kompetenza li jrid jitqies mill-Qorti huwa dak ta' "professjonist raġonevolment

kompetenti" u li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata peress li ddeċidiet li l-fatt li għamel *short root treatment* awtomatikament ifisser li m'għamilx xogħlu kif meħtieġ mil-liġi. Fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex il-fatt li t-trattament ma sarx b'suċċess li awtomatikament jagħmel lill-appellant responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi iżda l-fatt li mill-provi jirriżulta li l-appellant naqas milli jesegwixxi eżamijiet bażilari sabiex jaċċerta ruħu li t-trattament kien sar sew biex ma jkunx hemm komplikazzjonijiet li setgħu faċilment jiġu evitati.

46. Il-Qorti tqis li f'każ fejn jirriżulta li t-trattament ta' pazjent jaf ikun iktar diffiċli li jsir b'suċċess minħabba l-anatomija tas-sinna "professjonist raġonevolment kompetenti" iktar u iktar jieħu mezzi ta' prekawzjoni biex jaċċerta ruħu li t-trattament ikun sar sew. Mill-affidavit tal-appellant jirriżulta li kien jaf li *root canal treatment* huwa aktar diffiċli f'pazjent b'*curved roots.* Jidher però li meta għamel ir-*root treatment* fit-22 ta' Ġunju 2009 ma ħax xi X-Rays qabel, biex jikkonstata l-anatomija tas-snien tal-attriċi u lanqas wara. Fil-fatt jidher li l-ewwel u l-unika X-Ray li ħa kien fit-30 ta' Ġunju 2009. L-appellant jispjega li dan it-trattament tkompla fis-16 ta' Lulju u tlesta fit-23 ta' Lulju 2009, iżda jidher li ma ħa l-ebda X-Ray ieħor biex jaċċerta ruħu li t-trattament kien sar sew u l-kanali mtlew kif u safejn suppost. Jirriżulta wkoll li anke meta l-attriċi marret għandu tilmenta "*b'pain on pressure"* l-appellant ma ħa l-ebda X-Ray biex jaċċerta ruħu li t-trattament sar sew u li l-uġigħ ma kienx qed joriġina minn hemm, iżda sempliċiment qabad u assuma li "dan seta' gara minhabba

over-eruption ta' l-upper first and second molar." Fil-fehma ta' din il-Qorti, ikkonsidrat li jirriżulta li minħabba l-anatomija tas-snien tal-attriċi it-trattament tagħha kien aktar diffiċli "professjonist raġonevolment kompetenti" kien aktar u aktar jara li jagħmel l-eżamijiet neċessarji biex jikkonferma li l-*canals* ġew mimlijin sew u kif suppost, partikolarment meta xahar wara t-trattament l-pazjenta tkun qed tilmenta b'uġigħ. Minflok jidher li l-appellant ma ħax xi X-Ray jew għamel kwalunkwe eżamijiet oħra neċessarji u adegwati biex jaċċerta ruħu li t-trattament li kien għamel kien sar sew u ma kienx ser jikkawża komplikazzjonijiet li setgħu jiġu prevenuti. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-ħtieġa li jiġi aċċertat li t-trattament ikun sar sew, partikolarment meta hemm ċans li tiżviluppa infezzjoni jekk it-trattament ikun inadegwat, hija ħaġa bażilari li kull "professjonist raġonevolment kompetenti" huwa mistenni li jagħmel, però *multo magis* f'każ bħal dan fejn jirriżulta li t-trattament kien aktar diffiċli min-normal. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-appellant huwa responsabbli għad-debilità permanenti sofferti mill-attriċi.

47. Għaldaqstant ir-raba' u l-ħames aggravji tal-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando qed jiġu miċħuda.

48. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-attriċi l-Qorti tibda billi tosserva li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li mill-provi jirriżulta li mhuwiex minnu li l-*biopsy* li kien għamel Dr. Alexander

Azzopardi kienet saret għal xejn. Mit-testijiet tal-laboratorju li saru fuq il-*biopsy* meħuda minn Dr. Azzopardi jirriżulta li fil-fatt l-attriċi kellha infezzjoni fl-għadam, u dan kif jidher mis-segwenti:

> "*The clinic, radiological and histological picture is consistent which* [*sic*] *chronic osteomyelitis.*
>
> ***DIAGNOSIS:***
> ***Right posterior mandible: Focal chronic osteomyelitis.***
> ***Right anterior mandible: No diagnostic abnormalities.**" (fol. 47)*

49. Il-Qorti ma taqbilx però mal-Ewwel Qorti li ma jirriżultax suffiċjentement li b'konsegwenza tal-intervent ta' Dr. Azzopardi l-attriċi sofriet dannu fin-nerv, ossia "*mental nerve"* u li mill-provi ma jistax jiġi eskluż li d-dannu ġie kkawżat minħabba l-infezzjoni nnifisha. Il-Qorti tosserva li għalkemm Dr. Marilyn Casha xehdet li hija ma ratx inċiżjoni, fil-kontroeżami tagħha spjegat li dan kien "ghaliex l-access ghan-nervituri da parti tieghi sar min barra." (*fol.* ) Min-naħa l-oħra. Dr. Darryl Coombes kien effettivament eżamina ġewwa ħalq l-attriċi u kien ikkonstata viżwalment eżattament fejn kienet saret l-inċiżjoni minn Dr. Azzopardi. Huwa fil-fatt jirrelata hekk: "*Clinical examination reveals the incision line to be directly across the mental nerve on the gumline."* Il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mill-appellat Dr. Azzopardi li f'każijiet bħal dawn jeħtieġ mhux biss li jirriżulta li jkun sar żball mill-professjonist mediku, iżda wkoll li dan l-iżball irid ikun wieħed grossolan jew attribwibbli għal nuqqas ta' prudenza u diliġenza li juża *bonus pater familias.* Dan taċċettah fil-fatt l-attriċi stess fir-rikors tal-appell tagħha. Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward li mir-relazzjoni ta' Dr. Darryl Coombes jirriżulta li d-dannu fil-*mental nerve*

tal-attriċi ma jidhirx li ġie kkawżat għaliex dan in-nerv intlaqat aċċidentalment waqt l-intervent. Il-kostatazzjoni ta' Dr. Darryl Coombes hija sewwasew li l-inċiżjoni saret proprju "*directly across the mental nerve.*" Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri li l-iżball huwa proprju wieħed grossolan għaliex professjonist mediku b'għarfien tal-anatomija huwa mistenni li jkun jaf minn fejn jgħaddi dan in-nerv b'mod illi ma jagħmilx inċiżjoni "*directly across*" l-istess nerv. Ma jirriżultax mill-atti li minħabba kwistjonijiet ta' anatomija hemm riskju kbir li dan in-nerv ma jintlaqatx waqt interventi bħal ma għamel l-appellat, u fi kwalunkwe każ anke kieku dan kien jirriżulta ma ntweriex li l-appellat informa lill-attriċi b'tali riskju biex b'hekk setgħet tagħti kunsens infurmat għall-intervent u titpoġġa f'pożizzjoni li tikseb opinjoni minn professjonist ieħor jekk tkun trid. Għalkemm huwa minnu li mill-atti jirriżulta li infezzjoni fl-għadam tax-xedaq tista' twassal għal dannu fin-nervituri tax-xedaq, fil-każ odjern din baqgħet biss ipoteżi filwaqt illi ġie stabbilit oġġettivament li l-*mental nerv* tal-attriċi ġie danneġġjat waqt l-intervent u li tali dannu jikkawża l-problemi li l-attriċi bdiet issofri minnhom wara l-intervent u għadha ssofri minnhom sal-lum il-ġurnata.

50. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-attriċi huwa fondat.

**Is-Sitt Aggravju u t-Tieni Aggravju tal-Appell Inċidentali tal-Attriċi**

51. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-*quantum* tad-danni ġie likwidat ħażin mill-Ewwel Qorti. Jargumenta li anke jekk jiġi aċċettat li għandu jagħmel tajjeb għal xi danni minkejja li mhuwiex responsabbli għal ebda debilità permanenti, id-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom għandhom ikunu limitati għal €900 u l-ispejjeż imħallsa lill-konvenut Dr. Alexander Azzopardi, filwaqt li jekk jitqies li għandu jerfa' r-responsabbilità għal danni emerġenti wkoll dawn jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' €720 oħra, u dan fid-dawl tar-rapport tal-Periti Ġudizzjarji. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-attriċi sofriet debilità ta' natura permanenti, u fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi ċar u tond li kien l-intervent tiegħu li kkaġuna d-debilità.

52. L-attriċi twieġeb li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex perċentwali ta' diżabilità li fuqha setgħet tagħmel is-soliti kalkoli, u dan peress li tali perċentwali tirriżulta mir-relazzjoni tal-espert *ex parte* Dr. Darryl Coombes. Tgħid li d-danni emerġenti konsistenti fi spejjeż relatati ma' tobba, trattament u mediċini jirriżultaw mill-proċess li huma fl-ammont ta' €720.96. Dwar il-*lucrum cessans* tgħid illi kieku l-Ewwel Qorti wżat il-metodu ta' komputazzjoni li b'mod solitu jintuża f'dawn it-tip ta' kawżi l-ammont ta' danni taħt dan il-kap kien ikun ta' €23,782.96.

53. Fl-appell inċidentali tagħha l-attriċi tilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti llikwidat danni *arbitrio boni viri* u mhux skont il-formula għall-

komputazzjoni ta' danni li solitament tiġi użata f'dawn it-tip ta' kawżi. Targumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sostniet li ma kellhiex perċentwali ta' debilità permanenti għad- dispożizzjoni tagħha, peress illi din kienet tirriżulta mir-relazzjoni tal-espert *ex parte* Dr. Darryl Coombes li kien stabilixxa li d-debilità permanenti sofferta mill-attriċi kienet fl-ammont ta' 25%. Targumenta li għalhekk id-danni sofferti minnha kellhom jiġu kkalkolati b'dan il-mod:

- €8,827.56 rappreżentanti paga ta' sena x 25% diżabilità permanenti stabbilita minn Dr. Darryl Coombes x 19 rappreżentanti l-*multiplier* in vista tal-fatt li kellha 46 meta sar l-intervent in kwistjoni

  = €41,930.91 + 10% għoli tal-ħajja

  = €46,124 + €720.96 *damnum emergens*

54. Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jwieġeb li l-Ewwel Qorti skartat il-konklużjonijiet ta' Dr. Darryl Coombes, u m'hemm xejn ħażin fil-metodoloġija wżata mill-Ewwel Qorti. Jargumenta wkoll li l-*multiplier* użat mill-attriċi huwa ħażin għaliex huwa esaġerat peress li ma jirriflettix il-prinċipju ta' *chances and changes in life*, li l-introjtu propost mhuwiex korrett stante li ma jirriflettix il-paga minima tas-sena 2009, kellha tiġi applikata *lump sum deduction* peress li d-dewmien f'dawn il-proċeduri mhuwiex attribwibbli lill-ebda mill-konvenuti u li l-perċentwali ta' debilità permanenti hija oġġezzjonabbli.

55. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"91. B'referenza għal danni subiti pretiżi, huwa relevanti, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ġenerali dwar danni stabbiliti fl-artikolu 1032 tal-Kap 16.

92. **L-Artikolu 1032 tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:
*"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

93. Dan ifisser li huwa fi ħtija kull min jiddiporta ruħu b'leġġerezza ċensurabbli u b'ineskużabbli imprudenza (Vide **Fadda** 'Giurisprudenza Codice Civile Italiano', para 4467. Għalhekk in-nozzjoni ta' 'colpa', aċċettata fis-sistema legali tagħna, bbażata fuq il-prevedibbilita` li hija distinta mill-previżjoni u sservi biex tiddistingwi l-'colpa' mill-każ fortuwitu.

94. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti ('damnum emergens') u dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata 'lucrum cessans' kif provvdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16. Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha, sostniet li hija għandha tingħata danni ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans'.

95. Jirriżulta mill-premessi, mit-talbiet u mill-atti tal-każ, li r-rikorrenti qed tippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti. Jirriżulta, li r-rikorrenti qiegħda tirreklama *damnum emergens* stante li eżebiet riċevuti li ħallset għal visti ta' tobba kif ukoll trattamenti, li jinsabu eżebiti fol 307 sa 322, b'hekk hemm il-prova ta' l-spejjeż inkorsi minnha, fil-każ in eżami.

96. Għalhekk, din il-Qorti taqbel li għandu jitħallas l-ammont ta' **damnum emergens** kif reklamat mir-rikorrenti fl-ammont ta' €720.96.

97. Dwar 'lucrum cessans', ir-rikorrenti bbażat ir-rata ta' debilità` permanenti fuq dak ikkonstatat mill-espert tabib *ex parte* Dr. Darryl Coombes. Iżda, fiċ-ċirkostanzi kumplessi ta' dan il-każ, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dak ikkonstatat mill-perit *ex parte* li ra lir-rikorrenti snin ilu u li intervjena fuqha fl-2011. Inoltre`, jiġi ritenut, li r-rikorrenti ma talbitx li jiġu maħtura periti perizjuri, kif kellha kull dritt li tagħmel, għalhekk bl-ebda mod ma jista' jiġi adotattat il-persentaġġ ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) debilità` permanenti kif ikkonstatat minn Dr. Coombes.

98. Mill-banda l-oħra, l-intimat Pullicino Orlando, fejn kien qed jagħmel sottomissjonijiet dwar diżabbilta permanenti, stqarr illi ċertament tali diżabbilta permanenti ma seta' qatt ikun aktar minn 12.5% - vide fol 407.

99. Madankollu, tenut kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kif spjegati aktar 'il fuq, il-fatt, li l-espert mediku nominat mill-Qorti ma eżaminax lir-rikorrenti b'test mediku u kliniku, kif normalmanet isir f'kawżi ta' din ix-xorta iwassal biex din il-Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq ir-rapport imħejji minnu. Tenut kont ta' dan, ladarba jinsab affermat mix-xhieda kollha prodotti li r-rikorrenti għadha tinsab f'qagħda ta' chronic pain u neuropathic pain, fejn huwa ben stabbilit fil-provi li r-rikorrenti qed tbagħti minn uġigħ inkrepattiv, din il-Qorti ser tieħu konjizzjoni ta' din ir-riżultanza ta' uġigħ, li mhijiex ikkontestata.

100. Għalhekk, wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni kemm ta' dak komputat fis-sottomissjonijiet, kif ukoll tal-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti tqis li minħabba n-natura tar-riżultanzi, il-fatti u ċirkostanzi partikolari, hija ma tistax taħdem id-danni bil-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha solitament il-Qrati proprju għaliex l-espert mediku nominat mill-Qorti ma eżaminax lir-rikorrenti, b'eżami mediku u kliniku, u l-konklużjoni li r-rikorrenti ma tbagħti minn ebda debilità' permanenti ma tistax tiġi kkunsidrata bl-ebda mod, peress illi l-perit Mediku QATT ma eżamina lir-rikorrent. Fin-nuqqas ta' persentaġġ ta' debilità` maħruġa minn espert mediku, din il-Qorti ma tistax toħroġ hi b'persentaġġ dwar debilità`.

101. Madanakollu, tenut kont li jirriżulta ċar illi r-rikorrenti għandha uġigħ, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva. (Ara **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd.** deċiża fit-13 ta' Ottubru 2004). Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F'deċiżjoni f'Vol XXXV P.III p 615 f'kollezzjonijiet ta' deċiżjonijiet, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti taljana di cassazione fejn ingħad:

*"vi hanno casi in cui non potendosi avere mezzi istruttori, e rimesso al magistrate il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato."*

102. Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhuwiex abbażi ta' danni ben stradati permezz tal-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha l-Qrati b'kalkolu preċiż fuq formoli żviluppati, kif jinsab fil-ġurisprudenza nostrana.

103. Infatti, fil-każ **Joseph Attard et vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa** (908/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014, fejn ukoll kien hemm talba għad-danni 'sic et simpliciter', ġie ribadit li il-likwidazzjoni tad-danni 'arbitrio buoni viri' ssir meta ikun diffiċli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji danni li huwa effettivament ikun sofra.

104. Għalhekk, din il-Qorti abbażi tal-prinċipju suespost, ser tillikwida d-danni *arbitrio buoni viri*.

105. Din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti kollha w il-kumpless tal-provi in atti, kif ukoll is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet u r-riżultanzi fattwali, tqis illi huwa ġust u ekwu li tillikwida d-danni dovuti mill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando dovuti lir-rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) *arbitrio buoni viri*."

**Somma dovuta**

106. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, apparti is-somma kif likwidata arbitrio buoni viri tammonta għal ħmistax-il elf (€15,000), hekk ukoll is-somma rigwardanti *damnum emergens* rappreżentanti spejjeż mediċi inkorsi mir-rikorrenti, li għandha titħallas ukoll mill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, li ġia ġiet stabbilita fis-somma ta' seba' mija u għoxrin ewro, u sitta u disgħin ċenteżmu (€720.96).

107. Għalhekk, is-somma totali dovuta lir-rikorrent bħala danni hija ta' ħmistax-il elf Ewro, seba' mija u għoxrin Ewro, u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96)."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

56. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-perċentwali ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi ġiet stabbilita minn Dr. Darryl Coombes fl-ammont ta' 25%. Dr. Darryl Coombes irrelata hekk fuq dan il-punt:

> "…*because of the abnormal painful sensation one would only really give less than a 10% overall disability from a physical standpoint. The main disability that Mrs Bartolo is suffering is chronic pain in her lower jaw. This at present is not really controlled by pharmacological means and is causing her a great amount of distress which in my mind is leading to an element of depression and anxiety so I would rate the chronic pain that she is experiencing as a 25% overall disability impacting on her quality of life as a whole."*

57. Peress li m'hemmx dubju li Dr. Darryl Coombes mhuwiex espert fil-psikoloġija jew psikjatrika, din il-Qorti ma tistax taċċetta l-perċentwali ta' diżabilità stabbilita minnu safejn din tirrigwarda problemi bħal depressjoni

u ansjetà. Il-Qorti tqis però illi r-relazzjoni ta' Dr. Darryl Coombes tista' xorta waħda tintuża sabiex jiġu likwidati danni li huma aktar marbuta mal-kondizzjoni tal-attriċi, partikolarment issa illi l-konklużjoni tiegħu dwar id-dannu kkawżat minn Dr. Alexander Azzopardi ġiet aċċettata minn din il-Qorti u għalhekk id-debilità permanenti mill-lat fiżiku stabbilita minnu hija relevanti fl-intier tagħha għal finijiet ta' dawn il-proċeduri. Ikkonsidrat illi Dr. Coombes irrelata li mill-aspett fiżiku l-attriċi sofriet diżabilità permanenti ta' anqas minn 10%, il-Qorti ser tieħu l-perċentwali ta' 8% bħala l-perċentwali ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi minħabba l-uġigħ kroniku u n-nuqqas ta' sensazzjoni li baqgħet issofri minnhom wara l-interventi tal-konvenuti Dr. Pullicino Orlando u Dr. Azzopardi.

58. L-attriċi kellha sitta u erbgħin (46) sena meta saru dawn l-interventi, filwaqt li l-eta tal-irtirar hija ta' 65 sena. Ikkonsidrat li l-likwidazzjoni tad-danni trid tieħu in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja fosthom li wieħed iqis li l-ħajja tax-xogħol illum żdiedet, din il-Qorti ser tkun qed tuża *multiplier* ta' 20. Fir-rigward tas-somma li fuqha trid issir il-likwidazzjoni, jirriżulta li meta saru l-interventi in kwistjoni, l-attriċi kienet mara tad-dar u għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tagħmel il-kalkoli tagħha bbażati fuq il-paga minima nazzjonali, li fl-2009 kienet ta' €7,618.56. Għalhekk, il-Qorti qed tagħmel is-segwenti kalkoli:

€7,618.56 x 20 = €152,371.20

$$€152,371.20 + 10\%^{3} = €167,608.32$$

$$€167,608.32 \times 8\% = €13,408.66$$

59. Għalhekk id-danni *lucrum cessans* sofferti mill-attriċi huma fis-somma arrotondita ta' €13,409. Il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis minħabba *lump sum payment* ikkonsidrat illi l-interventi in kwistjoni seħħew erbatax-il sena ilu.

60. Għaldaqstant l-aggravju tal-attriċi qed jiġi miċħud peress li ma jirriżultax li d-danni likwidati favur tagħha għandhom jogħlew, filwaqt illi l-aggravju tal-appellant Dr. Jeffrey Pullicino Orlando qiegħed jiġi milqugħ għalkemm għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti.

**Is-Seba' Aggravju**

61. L-appellant Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jargumenta li ladarba huwa ma kienx l-uniku konvenut l-attriċi għandha titqies li hija telliefa fil-konfront ta' dawk il-konvenuti kontra liema nstab li l-kawża tal-attriċi mhijiex ġustifikata u għalhekk kellha terfa' l-ispejjeż tagħhom, filwaqt li huwa jerfa' l-ispejjeż tiegħu u tal-attriċi.

---

[3] Sabiex tittieħed in konsiderazzjoni żiedet fil-paga minima.

62. L-attriċi twieġeb li ladarba Dr. Pullicino Orlando huwa l-parti telliefa f'dawn il-proċeduri allura huwa loġiku li jkun hu li jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, speċjalment ikkonsidrat li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu ma ġiet milqugħa. Tgħid li inoltre l-appellant għandu jiġi ordnat iħallas spejjeż doppji.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

63. Il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun li ladarba nstab li d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern ġew imħarrkin inutilment għandha tkun l-attriċi li tħallas l-ispejjeż tagħhom. Il-Qorti tqis inoltre li kkonsidrat li sabet li anke Dr. Alexander Azzopardi huwa responsabbli għad-dannu subit mill-attriċi, huwa għandu jerfa' wkoll responsabbiltà għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' f'parti s-sitt aggravju tal-appellant Dr. Jeffrey Pullicino Orlando għalkemm għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti u s-seba' aggravju tal-istess Dr. Pullicino Orlando, kif ukoll l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-attriċi u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tirrevokaha fejn illiberat lil Dr. Alexander Azzopardi mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiċħad l-eċċezzjonijiet tiegħu u tilqa' t-talbiet attriċi wkoll fil-konfront ta' Dr. Alexander Azzopardi;

ii. Tirrevokaha fejn illikwidat danni *lucrum cessans* fl-ammont ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) u ordnat lil Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jħallas din is-somma, u minflok tillikwida d-danni dovuti lill-attriċi taħt il-kap ta' *lucrum cessans* fis-somma ta' tlettax-il elf, u erba' mija u disa' ewro (€13,409) u tordna lil Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u lil Dr. Alexander Azzopardi jħallas s-somma hekk likwidata *in solidum* bejniethom, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv.

Dwar l-ispejjeż il-Qorti tordna s-segwenti:

i. L-ispejjeż kollha tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali jitħallsu mill-attriċi.

ii. L-ispejjeż tal-Prim' Istanza, ħlief dawk tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u tat-Tabib Prinċipali jitħallsu mill-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi *in solidum*

iii. L-ispejjeż tal-appell prinċipali ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) minnu u terz ($^{1}/_{3}$) mill-attriċi;

iv. L-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-attriċi jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attriċi u Dr. Alexander Azzopardi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr